

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10123/26

ECOFIN 732
UEM 210
SOC 320
EMPL 149
COMPET 679
ENV 622
EDUC 204
ENER 321
JAI 733
GENDER 60
JEUN 101
SAN 397
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa
Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 3 ta' Ġunju 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni
Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2026) 207 final

Suġġett: Rakkomandazzjoni għal
RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-
Irlanda

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 207 final.

Mehmuż: COM(2026) 207 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
COM(2026) 207/3

SENSITIVE*
UNTIL ADOPTION

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji tal-Irlanda

* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġġettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir u reżiljenza sostenibbli u inklużivi permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll jipprevjeni defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġġettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħhom.
- (2) Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ⁽²⁾. Il-proposta għandha l-għan li żżid l-

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

⁽²⁾ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament

effettività tal-finanzjament tal-Unjoni billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-arkitettura finanzjarja u tappoġġa l-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tagħhom f'konformità mal-Artikolu 175 tat-TFUE.

- (3) Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2026 tal-Irlanda. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifikatx lill-Irlanda bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ⁽³⁾ fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.
- (4) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Is-Semestru Ewropew huwa allinjat mal-Boxxla għall-Kompetittività, u dan jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġġettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinħoloq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza fl-Unjoni.
- (5) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)⁽⁴⁾. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet tal-politika fil-qafas tas-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (6) Fl-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għall-Irlanda. Fih ġie vvalutat il-progress tal-Irlanda fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u ttieħed kont tal-implimentazzjoni tal-RRP tal-Irlanda. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċja l-Irlanda. Hija vvalutat ukoll il-progress tal-Irlanda fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-

(UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 - COM(2025) 565 final. Ir-Regolament propost bħalissa huwa s-suġġett ta' negozjati mal-koleġiżlaturi.

⁽³⁾ ĠU C, C/2026/2434, 28 ta' April 2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

impjeggi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (7) Fl-10 ta' Marzu 2026, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju ta' Jannar 2026 tal-Irlanda ⁽⁵⁾. Il-pjan, ippreżentat f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, ikopri l-perjodu mill-2026 sal-2030 u jistabbilixxi restrizzjoni baġitarja fil-forma ta' rata massima ta' tkabbir fin-nefqa netta fuq 5 snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta li ġejjin: 6,6 % fl-2026, 6,0 % fl-2027, 7,6 % fl-2028, 6,7 % fl-2029 u 6,4 % fl-2030, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi 2024 ta' 16,5 % fl-2026, 23,5 % fl-2027, 32,9 % fl-2028, 41,7 % fl-2029 u 50,9 % fl-2030. Din ir-rakkomandazzjoni ħadet post ir-Rakkomandazzjoni tal-21 ta' Jannar 2025 ⁽⁶⁾. Madankollu, ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta stabbiliti fih għas-sena 2025, jiġifieri 5,1 % kull sena u 15,4 % b'mod kumulattiv b'referenza għas-sena bażi 2023, jibqgħu rilevanti biex tiġi vvalutata l-konformità sa u inkluż l-2025.
- (8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex tappoġġa l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża⁽⁷⁾ u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. L-Istati Membri xorta jistgħu jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali fi kwalunkwe ħin sal-2028, jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263.
- (9) Fit-30 ta' April 2026, l-Irlanda ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha ⁽⁸⁾ għall-2026 dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Irlanda dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (10) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 12,3 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 2,1 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jonqos b'1,2 % fl-2026 u li jikber bi 3,4 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP se tkun ta' 3,5 % fl-2026 u 2,6 % fl-2027.
- (11) Abbażi ta' data pprovduta mill-Eurostat ⁽⁹⁾, is-surplus tal-gvern estiż tal-Irlanda naqas minn 4,1 % tal-PDG fl-2024 għal 1,8 % tal-PDG fl-2025. It-tnaqqis fis-surplus fl-2025 jirrifletti prinċipalment in-nuqqas ta' dħul għoli ta' darba li deher fl-2024. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa

⁽⁵⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2026 li tapprova l-pjan-fiskali strutturali fuq terminu medju tal-Irlanda (ĠU C/2026/1812, 20 ta' Marzu 2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1812/oj>).

⁽⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan-fiskali strutturali fuq terminu medju tal-Irlanda, (ĠU C/2025/667, 10 ta' Frar 2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/4120/oj>).

⁽⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 ta' Marzu 2025, C(2025)2000 final.

⁽⁸⁾ Ir-Rapporti ta' Progress Annwali tal-2026 huma disponibbli fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

⁽⁹⁾ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 1,4 % tal-PDG fl-2026 u defiċit ta' 1,2 % tal-PDG fl-2027. It-tnaqqis fis-surplus fl-2026 u fl-2027 jirrifletti prinċipalment moderazzjoni fit-tkabbir tad-dħul u żidiet qawwija mbassra fin-nefqa fuq il-pagi tas-settur pubbliku, il-benefiċċji soċjali u l-investment pubbliku.

- (12) Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ⁽¹⁰⁾, li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, kienet ġeneralment newtrali fl-2025. Huwa pprojetat li jibqa' ġeneralment newtrali kemm fl-2026 kif ukoll fl-2027.
- (13) Skont data pprovduta mill-Eurostat ⁽¹¹⁾, id-dejn tal-gvern estiż tal-Irlanda naqas minn 38,3 % tal-PDG fl-aħħar tal-2024 għal 32,9 % tal-PDG fl-aħħar tal-2025. It-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 jirrifletti prinċipalment tkabbir reali qawwi tal-ekonomija u s-surplus baġitarju miksub. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 32,4 % sa tmiem l-2026 u jkompli jonqos għal 31,6 % sa tmiem l-2027.
- (14) Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fl-Irlanda ammontat għal 0,2 % tal-PDG fl-2025 u hija pprojetata fl-istess livell fl-2026.
- (15) L-Unjoni tkompli tiffaċċja riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, iggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvew kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, l-Irlanda adottat miżuri ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti ⁽¹²⁾. Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fid-dazji tas-sisa u l-imposta tal-Aġenzija Nazzjonali tar-Riżervi taż-Żejt (NORA) sa Lulju 2026, differiment taż-żieda fit-taxxa fuq il-karbonju sa Ottubru 2026, sussidji mmirati għas-settur tat-trasport sa Mejju 2026 u għas-settur agrikolu sa Lulju 2026, u trasferimenti soċjali mmirati lejn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx f'April 2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa pprojetat li jammonta għal 0,1 % tal-PDG fl-2026. Skont l-estimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,3 % tal-PDG fl-2026.
- (16) Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fl-Irlanda kibret b'6,7 % fl-2025 u bi 15 % b'mod kumulattiv fl-2024 u l-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa oġhla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata mill-Kunsill f'Jannar 2025, li tikkorrispondi għal devjazzjoni marġinalment oġhla minn 0,3 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Fl-istess ħin, kif

⁽¹⁰⁾ Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Din għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ mhux ripagabbli (għotjiet) mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

⁽¹¹⁾ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

⁽¹²⁾ Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

innotat, il-pożizzjoni baġitarja għall-2025 kienet f'surplus, u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika kien taħt is-60 % tal-PDG.

- (17) Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fl-Irlanda hija pprojetjata li tikber b'6,1 % fl-2026 u bi 13,2 % b'mod kumulattiv fl-2025 u l-2026. It-tkabbir ipprojettat fin-nefqa netta fl-2026 huwa taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata mill-Kunsill f'Marzu 2026. Meta jitqiesu l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiva ipprojetjata tan-nefqa netta hija wkoll taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata.
- (18) Id-dipendenza tad-dħul tal-gvern tal-Irlanda fuq it-tassazzjoni korporattiva minn intrapriżi multinazzjonali bi sjieda barranija tkompli toħloq riskji għall-istabbiltà tal-finanzi pubbliċi. Id-dħul eċċezzjonalment għoli mit-taxxa korporattiva (CIT, corporate income tax) ġej minn relattivament ftit kumpaniji kbar fis-setturi farmaċewtiċi u tal-ICT u porzjon sostanzjali tad-dħul huwa stmat li huwa qligħ mhux mistenni, jiġifieri aktar minn dak li jista' jiġi spjegat mill-attività ekonomika domestika. B'riżultat ta' dan, id-dħul mis-CIT jista' jiġi influwenzat ħafna minn żviluppi internazzjonali bħal bidliet fil-kummerċ globali u fl-ambjent tat-taxxa. Ir-riskji relatati mas-CIT huma aggravati mill-interkonnessjonijiet bejn il-bażijiet tat-taxxa korporattiva u fuq l-introjtju personali, peress li l-kumpaniji multinazzjonali bi sjieda barranija huma wkoll kontributori ewlenin għall-qligħ mix-xogħol u sussegwentement għad-dħul mit-taxxa fuq l-introjtju. Biex ittaffi r-riskji fiskali, l-Irlanda qed tidderieġi parti mid-dħul mhux mistenni tagħha lejn il-Fond Future Ireland u l-Fond għall-Infrastruttura, il-Klima u n-Natura biex tibni buffers fiskali. Madankollu, il-biċċa l-kbira tad-dħul imprevist li jifdal għandu jintefaq skont il-Pjan Fiskali Strutturali fuq Terminu Medju tal-Irlanda. Biex tnaqqas id-dipendenza tal-baġit fuq dħul potenzjalment tranżitorju, l-Irlanda tibbenefika mid-diversifikazzjoni tas-sorsi tad-dħul tal-baġit tagħha.
- (19) Ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul fil-kura tas-saħħa għadhom hemm. L-infiq fuq is-saħħa fl-Irlanda għadu fost l-ogħla fl-UE minkejja l-popolazzjoni relattivament żagħżuġha u b'saħħitha tagħha. L-inefficienzi strutturali, bħad-dipendenza qawwija tas-sistema fuq kura fl-isptar għalja u l-aċċessibbiltà limitata tal-kura primarja, joħolqu riskju għas-sostenibbiltà fiskali. Dan huwa aggravat mill-pressjonijiet tad-domanda dejjem akbar ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. L-Irlanda qed timplimenta miżuri ta' trażżin tal-kostijiet fil-kura tas-saħħa permezz tat-Taskforce dwar il-Produttività u t-Tfaddil; madankollu, il-biċċa l-kbira tar-riżultat s'issa mhux permanenti u ma pprevjenix qbiż tal-baġit fis-saħħa fl-2025. Barra minn hekk, hija meħtieġa azzjoni politika biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn aċċess universali għall-kura primarja, filwaqt li jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tal-infrastruttura u n-nuqqas ta' tobba. L-Irlanda qed timplimenta riformi biex tiddeċentralizza l-għoti tal-kura tas-saħħa, madankollu, il-progress fl-espansjoni tal-eliġibbiltà u fit-titjib tal-aċċessibbiltà ġenerali tal-kura primarja pubblika kien limitat.
- (20) L-involviment sistematiku, sinifikanti u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (21) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fl-Irlanda, hija ogħla mill-pass medju fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tal-

investimenti fil-prattika. L-Irlanda diġà qed tiegħu azzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħha biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Fl-istess ħin, l-Irlanda teħtieġ li ttaffef l-implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta peress li r-riżorsi huma dovuti għall-iżborż sa tmiem l-2026. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mill-Irlanda fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu ⁽¹³⁾, jintużaw malajr u b'mod effettiv.

- (22) L-Irlanda qed tiffaċċja diversi sfidi relatati mal-produttività tal-ekonomija domestika, iż-żieda fil-finanzjament għall-kumpaniji, l-investment dirett limitat fil-livell tal-konsumatur, id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, id-domanda dejjem akbar minn utenti għoljin tal-enerġija, l-infrastruttura tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, it-trasport pubbliku sostenibbli u d-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku. L-Irlanda qed tiffaċċja wkoll sfidi relatati mal-implimentazzjoni ta' prattiki agrikoli sostenibbli, nuqqasijiet li jaffettwaw il-kwalità tal-ilma, it-tnixxijiet tal-ilma u t-trattament tal-ilma mormi, u progress limitat fil-metrika taċ-ċirkolarità biex jinżamm il-valur materjali fl-ekonomija domestika. Fl-aħħar nett, l-Irlanda qed tiffaċċja sfidi relatati mal-problema ta' persuni mingħajr dar u l-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità fl-awtoritajiet lokali biex iwettqu proġetti ta' akkomodazzjoni kif ukoll fis-settur tal-kostruzzjoni residenzjali, u s-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità u ġenituri waħedhom.
- (23) Il-produttività ewlenija b'saħħitha tal-Irlanda hija xprunata l-aktar minn kumpaniji multinazzjonali barranin, filwaqt li l-produttività tad-ditti domestiċi – l-aktar l-SMEs – għadha lura meta mqabbla mal-kumpaniji multinazzjonali barranin u l-pari tal-UE. It-tiżiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni domestika huwa kruċjali biex tinbena ekonomija aktar ibbilanċjata u reżiljenti, li hija partikolarment importanti f'xenarju globali li qed jevolvi. L-infiq pubbliku fir-R&Ż fl-Irlanda huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE, li jammonta biss għal 0,2 % tal-PDG (0,4 % tal-ING* ⁽¹⁴⁾) u r-R&Ż privati huma kkonċentrati ħafna f'ditti bi sjieda barranija, b'nuqqas ta' investment mill-SMEs domestiċi. Il-krediti tat-taxxa jibqgħu l-istrument ewlieni ta' appoġġ pubbliku għar-R&Ż privati fl-Irlanda. Filwaqt li huma strument importanti, finanzjament aktar dirett għar-riċerka u l-innovazzjoni jindirizza aħjar il-ħtiġijiet tal-SMEs Irlandiżi. Il-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali rivedut u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kompetittività u l-Produttività ppubblikat reċentement jipprevedu aktar finanzjament u appoġġ għar-R&Ż u l-innovazzjoni privati u pubbliċi. Madankollu, l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha, flimkien ma' żidiet sostnuti fl-investment, huma kruċjali biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni domestika tal-Irlanda.
- (24) Minkejja li l-investment ta' kapital ta' riskju huwa ġeneralment konformi mal-medja tal-UE, il-fondi Irlandiżi ta' kapital ta' riskju huma tipikament iżgħar meta mqabbla mal-kontropartijiet Ewropej, u jikkontribwixxu għal daqsijiet iżgħar ta' tranżazzjonijiet u diskrepanza sinifikanti fil-finanzjament tal-ekwità għad-ditti Irlandiżi li qed ifittxu li jespandu. L-indirizzar ta' dan id-distakk li qed jikber huwa kruċjali biex tiġi evitata r-rilokazzjoni ta' ditti b'rata għolja ta' tkabbir u jissaħħaħ it-

⁽¹³⁾ Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

⁽¹⁴⁾ L-introjtu nazzjonali gross (ING*) modifikat jeskludi l-effetti tal-globalizzazzjoni u jirrifletti l-istandards tal-introjtu tar-residenti Irlandiżi b'mod aktar preċiż mill-PDG.

tkabbir xprunat domestikament. Filwaqt li l-inizjattivi sponsorjati mill-Istat kellhom xi suċċess fil-mobilizzazzjoni tal-investment għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu, il-finanzjament tal-ekwiżità minn investituri istituzzjonali huwa limitat. Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-investituri istituzzjonali, b'mod partikolari l-fondi tal-pensjonijiet, fil-kapital ta' riskju u l-ekwiżità privata tista' timmobilizza l-kapital u tgħin biex tingħata spinta lill-investment f'kumpaniji innovattivi u tappoġġa l-espansjoni tal-kumpaniji.

- (25) L-Irlanda għandha wieheċ mill-aktar livelli baxxi ta' parteċipazzjoni diretta fil-livell tal-konsumatur fis-swieq kapitali fl-UE. Dan huwa dovut l-aktar għal preferenza qawwija għal mezzi ta' tfaddil tradizzjonali, bħal depożiti bankarji, prodotti tal-assigurazzjoni u assi tal-pensjoni. Barra minn hekk, id-diżinċentivi tat-taxxa u n-nuqqas ta' kont iddedikat għat-Tfaddil u l-Investment xekklu l-investment. Dan l-aħħar, l-isforzi ta' politika biex titħeġġeġ parteċipazzjoni akbar tal-unitajiet domestiċi fis-swieq kapitali qed jintensifikaw. Billi jiffaċilitaw żieda fl-investimenti diretti fil-livell tal-konsumatur, l-unitajiet domestiċi jistgħu jespandu l-opportunitajiet ta' investment tagħhom, u t-tfaddil tagħhom jista' jiġi dirett lejn investment produttiv, li fl-aħħar mill-aħħar jappoġġa t-tkabbir u l-innovazzjoni.
- (26) Id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili għadha sinifikanti. L-Irlanda impenjat ruħha li tilħaq miri ambizzjużi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, baġits tal-karbonju stabbiliti u limiti massimi settorjali tal-emissjonijiet, filwaqt li stabbiliet perkorsi ċari ta' tnaqqis għal kull settur. Dan għandu jinkiseb b'mod partikolari permezz ta' żieda sinifikanti fl-użu tal-enerġija rinnovabbli. Filwaqt li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-konsum finali gross tal-enerġija żdied, l-Irlanda mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira nazzjonali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 51 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-2018. Il-fjuwils fossili għadhom jikkostitwixxu l-akbar sehem tat-taħlita tal-enerġija, bil-gass naturali jammonta għal madwar terz tal-provvista totali tal-enerġija fl-2024, li l-maġġoranza l-kbira tagħha hija importata. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi sfruttat aktar il-potenzjal għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-Irlanda. L-implimentazzjoni ta' qafas simplifikat għall-ippjanar u għall-għoti ta' permessi, bħall-elementi definiti fir-RED III, tgħin biex tiffaċilita l-użu ulterjuri. It-taxxa fuq il-Karbonju ttegġeg id-dekarbonizzazzjoni fl-ekonomija kollha, u tistabilixxi sinjal ċar tal-prezz għal min inieġes, iżda l-preżenza ta' sussidji għall-fjuwils fossili mhux immirati u permanenti timmina dawn is-sinjali tal-prezzijiet. Għalhekk huma meħtieġa miżuri ta' politika addizzjonali biex ikomplu jinkoraġġixxu dipendenza mnaqqsa fuq il-fjuwils fossili.
- (27) Ħtiġijiet kbar ta' investment mhux issodisfati għall-grilja tal-elettriku huma ostaklu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi. Il-kombinazzjoni ta' domanda domestika oġhla għall-elettriku u l-integrazzjoni ta' ishma dejjem akbar ta' ġenerazzjoni varjabbli tal-elettriku rinnovabbli taggrava l-ħtieġa għal infrastruttura tal-enerġija mtejba, b'mod partikolari għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħżin. Iż-żieda fir-rati ta' tnaqqis u r-restrizzjonijiet tal-grilja, bħala riżultat tad-disponibbiltà limitata tal-kapaċità, tillimita l-fluss tal-elettriku rinnovabbli, iżżid l-emissjonijiet u iżżid il-prezzijiet tal-elettriku. Dan jirrikjedi infrastruttura tal-grilja modernizzata u estiża kif ukoll sforzi akbar biex tittejjeb il-flessibbiltà tas-sistema tal-elettriku bbażata fuq il-fjuwils mhux fossili, biex l-enerġija tiġi ttrasferita b'mod effiċjenti miċ-ċentri tal-ġenerazzjoni għaċ-ċentri tad-domanda. Filwaqt li ġie allokat finanzjament sinifikanti għall-espansjoni u l-immodernizzar tal-grilja, it-twassil tal-investimenti għad irid jiġi implimentat. L-installazzjoni ta' miters intelliġenti laħqet stadju importanti sinifikanti, b'madwar 80 % tal-unitajiet domestiċi issa jkollhom aċċess għal data dwar il-konsum f'ħin reali, iżda hemm bżonn li tittejjeb l-aċċessibbiltà ta' din id-data u li l-konsumaturi jiġu

mħeġġa aktar biex jipparteċipaw b' mod attiv fis-suq tal-flessibbiltà, inkluż permezz ta' miżuri ta' rispons min-naħa tad-domanda.

- (28) L-emissjonijiet fis-settur tal-bini żdiedu b'4,9 % fl-2024, xprunati parzjalment minn stokk tal-bini intensiv fl-enerġija u d-dipendenza fuq it-tisħin tal-ispazju u tal-ilma bbażat fuq il-fjuwils fossili, li jenfasizza l-ħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tad-domanda għall-enerġija. Filwaqt li l-pass tar-retrofitting żdied sena wara sena, dan għadu mhux biżżejjed biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-istrateġija tar-retrofitting. Appoġġ addizzjonali għall-modifika retroattiva tal-abitazzjonijiet privati jista' jkun immirat aktar ukoll, b'enfasi fuq l-inkwilini, l-akkomodazzjoni soċjali jew l-abitazzjonijiet b'aktar minn appartament wieħed, jew immirat lejn il-bini bl-aġħar rendiment. Aktar sforzi biex jiġi sfruttat il-potenzjal għat-tisħin distrettwali jippermettu wkoll dekarbonizzazzjoni kosteffiċjenti tat-tisħin. Il-bini pubbliku jirrappreżenta sehem sinifikanti mill-konsum tal-enerġija mhux residenzjali, iżda saru sforzi biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tiegħu, b' mod partikolari permezz tad-diversi proġetti tal-Pathfinder tas-settur pubbliku. Is-sejbiet preliminari juru progress u titjib sinifikanti kemm fl-effiċjenza enerġetika kif ukoll fit-tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet. Għalhekk, l-ingranaġġ kontinwu tal-esperjenza miksuba fil-pathfinder ta' modifika retroattiva tas-settur pubbliku huwa importanti biex jintlaħqu l-miri tal-2030.
- (29) Utenti kbar tal-enerġija għadhom jirrappreżentaw sehem sinifikanti mid-domanda għall-enerġija. Il-konsum tal-elettriku mkejjeł miċ-ċentri tad-data żdied bejn l-2023 u l-2024, u kkonsuma għoxrin fil-mija tal-provvista tal-elettriku tal-Irlanda. Huwa stmat li dan jista' jżdied hekk kif is-settur ikompli jespandi. Il-Kummissjoni Irlandiża għar-Regolamentazzjoni tal-Utilitajiet ħarġet politika finali ta' konnessjoni f'Diċembru 2025 għall-konnessjoni ta' ċentri tad-data ġodda mal-grilja tal-elettriku. Għal dan l-għan, iċ-ċentri tad-data jridu jipprovdu ġenerazzjoni jew ħżin spedibbli fuq il-post jew lokali ugwali għall-kapaċità massima tal-importazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, 80 % tad-domanda annwali tagħhom trid tiġi ssodisfata minn proġetti ġodda u addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli fl-Irlanda fi żmien perjodu ta' implimentazzjoni ta' 6 snin. Filwaqt li huwa pass importanti, hemm riskji ta' intrappolament tal-fjuwils fossili li għandhom jiġu indirizzati. Is-sehem li jifdal tad-domanda annwali jista' jiġi ssodisfat mill-ġenerazzjoni tal-fjuwils fossili, li jmur kontra d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Barra minn hekk, il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 6 snin jista' jikkontribwixxi għal żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni tal-fjuwils fossili fuq terminu qasir, u dan ipoġġi f'kunflitt il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2030. L-iżgurar ulterjuri li l-ippjanar spazjali ta' utenti kbar tal-enerġija jkun konness mad-disponibbiltà tal-RES u r-restrizzjonijiet tal-grilja, b' mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet identifikati fl-istrateġija tal-LEAP, jikkontribwixxi biex jiġu evitati xi wħud mill-problemi assoċjati ma' konnessjoni addizzjonali.
- (30) Fl-Irlanda, biex il-mobbiltà ssir aktar sostenibbli jeħtieġ li jsir aktar investment f'network tat-trasport pubbliku aktar integrat, peress li dan jista' jtaffi l-konġestjoni urbana u jtejjeb il-mobbiltà tal-forza tax-xoġhol u jappoġġa t-tkabbir sostenibbli. It-titjib tal-konnettività bejn iż-żoni rurali u urbani jnaqqas id-dipendenza fuq il-karozzi, itejjeb l-aċċess għas-servizzi fiż-żoni rurali, u jagħmel l-iżvilupp ekonomiku aktar inklużiv filwaqt li jiżgura li r-reġjuni kollha jibbenefikaw mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Aktar ferroviji b'emissjonijiet zero huma essenzjali għall-aċċessibbiltà u d-dekarbonizzazzjoni. Bl-isfida tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq, l-Irlanda hija mħeġġa taċċellera l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku kemm għall-karozzi kif ukoll għat-trakkijiet.

Dan jgħin ukoll biex jiżdied l-użu tal-vetturi elettriċi. Id-densità tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku għadha limitata, inkluż fiż-żoni rurali. Barra minn hekk, għad hemm lakuni sinifikanti għall-infrastruttura tal-iċċarġjar tul in-network tat-toroq tat-TEN-T meta mqabbla mal-miri tal-2030 stabbiliti fir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi.

- (31) L-Irlanda qed tiffaċċja sfidi fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn settur agrikolu aktar sostenibbli. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur jistgħu jkomplu jonqsu biex tiġi żgurata l-konformità mal-miri domestiċi u tal-UE. Filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Klima stabbilixxa mira biex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'25 % sal-2030, id-data proviżorja tissuġġerixxi li l-emissjonijiet naqsu biss marġinalment mill-2018, u dan iħalli lok għal azzjoni ta' politika addizzjonali. Barra minn hekk, l-iskular tan-nutrijenti mill-agrikoltura, li jaffettwa l-kwalità tal-korpi tal-ilma, jista' jiġi indirizzat aktar. Madwar nofs l-ilmijiet tal-wiċċ kienu fi stat ekoloġiku mhux sodisfaċenti fl-aħħar ċiklu ta' valutazzjoni għall-2019-2024, kif irrapportat mid-data mill-Aġenzija Irlandiża għall-Protezzjoni tal-Ambjent. Filwaqt li tteħdu miżuri importanti biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-iżvilupp ta' aktar politiki u prattiki jista' jgħin biex fl-istess ħin jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telf tan-nutrijenti.
- (32) L-aġġornament tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali jipprevedi livelli sinifikanti ta' investiment fl-infrastruttura tal-ilma. L-iżgurar ta' implimentazzjoni f'waqtha u twettiq effettiv biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet strutturali persistenti huwa kruċjali. It-trattament tal-ilma mormi għadu qed jiffaċċja sfidi dwar l-affidabbiltà u l-prestazzjoni ambjentali, peress li l-infrastruttura li qed tiqdiem u l-kapaċità limitata tat-trattament ifixklu l-progress biex jintlaħqu l-istandards. Minkejja t-titjib, ir-rata ta' tnixxija għadha fost l-oġhla fl-UE, u dan jenfasizza l-ħtieġa għal sforzi aktar ambizzjużi. It-tkabbir demografiku, il-ħtiġijiet ta' żvilupp transsettorjali, u l-pressjonijiet relatati mal-klima jkomplu jesponu lis-settur. Il-proġetti infrastrutturali li għaddejjin bħalissa huma mistennija li jikkontribwixxu għall-progress, iżda t-twettiq jibqa' kruċjali biex id-disponibbiltà tal-finanzjament tiġi ttrasformata f'titjib tanġibbli. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' miżuri ekonomiċi għall-użu eċċessiv tal-ilma għadha ma avvanzax, minkejja qafas legali ċar. L-iżgurar tal-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġi limitat l-użu eċċessiv tal-ilma jinċentiva użu aktar effiċjenti, u jappoġġa appoġġ stabbli u reżiljenti għas-servizzi tal-ilma.
- (33) Filwaqt li l-Irlanda stabbiliet qafas ta' politika tal-ekonomija ċirkolari, il-progress fil-kisba taċ-ċirkolarità kien limitat u fil-biċċa l-kbira limitat għal-livelli aktar baxxi tal-ġerarkija tal-iskart, u dan jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri aktar ambizzjużi u mifruxa mas-sistema kollha. Ir-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari u r-rata tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali t-tnejn huma taħt il-medji tal-UE. Ir-riċiklaġġ tal-imballaġġ ukoll mhux fit-triq it-tajba biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2025. Il-ġenerazzjoni tal-iskart qed tiżdied b'mod ġenerali, iżda t-trattament għadu ffukat fuq il-proċessi tar-rimi u tal-irkupru tal-enerġija, bħall-inċinerazzjoni u r-rimi f'landfills, b'shem sostanzjali ta' trattament li jseħħ barra mill-pajjiż. Xejriet simili huma osservati għall-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, l-akbar fluss ta' skart tal-Irlanda, li rdoppja f'dawn l-aħħar għaxar snin. L-allokkazzjoni settorjali tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali talloka sa EUR 600 miljun għal programmi relatati maċ-ċirkolarità, u ġiet stabbilita mira nazzjonali biex tiżdied ir-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari, iżda progress solidu se jiddependi fuq ambizzjoni politika akbar, investiment akbar, b'mod partikolari għall-kapaċità tar-riċiklaġġ domestiku, u implimentazzjoni transsettorjali, inkluż enfasi fuq l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. L-iżvilupp ta' strumenti ekonomiċi ġodda u

t-tiżenji ta' miżuri eżistenti iżda limitati jistgħu jgħinu biex l-inċentivi jiġu trasferiti aktar fil-ġerarkija tal-iskart.

- (34) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tiżenji tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet, li jfixxklaw l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lill-Irlanda jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.
- (35) Hija meħtieġa provvista oġġla ta' akkomodazzjoni soċjali biex titnaqqas il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u jiġu protetti segmenti b'introjtu aktar baxx li huma pprezzati barra mis-suq tal-kiri privat. Il-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali qed tiżdied iżda għadha ferm lura mill-miri u d-domanda attwali, kif rifless fil-madwar 60 000 unità domestika fuq il-listi ta' stennija u 84 000 unità domestika oħra fuq skemi ta' suppliment tal-kera. Sar investiment konsiderevoli fl-akkomodazzjoni soċjali. Madankollu, għad hemm restrizzjonijiet fil-provvista fil-kostruzzjoni, filwaqt li l-isfidi relatati mal-kapaċità, ir-riżorsi u l-ippjanar finanzjarju tal-awtoritajiet lokali, kif ukoll is-sostenibbiltà tal-finanzjament u l-istabbiltà tal-korpi tal-akkomodazzjoni approvati, ikomplu jillimitaw it-tkabbir fil-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali. L-għadd ta' persuni bla dar irdoppja matul l-aħħar ħames snin, u laħqet rekord ta' 17 500 persuna f'akkomodazzjoni ta' emerġenza, li minnhom aktar minn 5 500 huma tfal. L-iskemi attwali ta' prevenzjoni tal-problema ta' persuni mingħajr dar taw riżultati modesti u ma setgħux iwaqqfu din iż-żieda.
- (36) It-tkabbir rapidu fil-prezzijiet tad-djar matul l-aħħar għaxar snin għamel l-akkomodazzjoni dejjem aktar mhux affordabbli kemm għax-xerrejja kif ukoll għall-kerrejja. In-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli jaffettwa l-kompetittività tal-Irlanda peress li jillimita l-kapaċità tad-ditti, b'mod partikolari l-SMEs, li jattiraw ħaddiema tas-sengħa, u jagħmel pressjoni fuq il-pagi. Il-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda qed tiżdied iżda għadha l bogħod milli tqabbel il-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni kontinwa biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tal-kapaċità fis-settur tal-kostruzzjoni residenzjali. Dan jinkludi nuqqas ta' infrastruttura abilitanti bħall-ilma u l-utilitajiet, disponibbiltà insuffiċjenti tal-art, inċertezzi fl-ippjanar, għażliet ta' finanzjament insuffiċjenti, nuqqas ta' ħaddiema tal-kostruzzjoni u l-produttività baxxa fis-settur tal-kostruzzjoni.
- (37) L-awtoritajiet lokali huma atturi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-Qafas Nazzjonali tal-Ippjanar u għandhom kompetenzi f'diversi setturi, inklużi l-akkomodazzjoni u l-ippjanar. Ir-restrizzjonijiet fir-riżorsi, fil-kapaċità amministrattiva u fil-finanzjament tagħhom wasslu għal dewmien fl-investiment fl-infrastruttura u fl-implimentazzjoni tal-politika, kif ukoll għal lakuni fit-twassil tas-servizzi li jista' jkollhom impatt ukoll fuq il-proġetti tal-akkomodazzjoni. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali, bħal permezz ta' ppjanar finanzjarju fit-tul, sabiex tingħata spinta lill-kapaċitajiet lokali biex iwettqu proġetti ta' akkomodazzjoni territorjalment.
- (38) Is-suq tax-xogħol tal-Irlanda għadu robust u juri rati baxxi ta' qgħad, iżda għadu sfida biex jinkiseb tkabbir inklużiv li jkun ta' benefiċċju għall-gruppi kollha. Il-persuni b'diżabilità fl-Irlanda għadhom jesperjenzaw waħda mill-oġġla diskrepanzi fl-impjiegi għall-persuni b'diżabilità fl-UE u jbatu minn riskji ta' faqar ferm oġġla. Ir-responsabbiltajiet ta' kura u l-aċċess inadegwat għas-servizzi soċjali jibqgħu ostakli ewlenin fl-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-ġenituri waħedhom, li jiffaċċjaw ukoll riskji ta' faqar għoljin b'mod sproporzjonat. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' ħiliet u l-

ispariġġ fil-ħiliet jippersistu f'setturi ewlenin, u dan jenfasizza l-ħtieġa għal aktar sensibilizzazzjoni u titjib tal-ħiliet tal-persuni inattivi. L-investiment fil-ħiliet għandu jippromwovi inklużjoni soċjali akbar għall-gruppi żvantaġġati, inklużi l-persuni b'diżabilità, il-ġenituri waħedhom, ir-Rom u t-Travellers, u jgħinjom joħorġu mill-faqar.

- (39) Fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRPs tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għall-Irlanda, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' u l-ħdax-il rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, u r-rakkomandazzjoni (6) jgħinu fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Irlanda tieħu azzjoni fl-2026 u fl-2027 biex:

1. Taderixxi mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rrakkomandati mill-Kunsill fl-10 ta' Marzu 2026. Issaħħaħ l-infiq u l-prontezza tad-difiża filwaqt li jiżgura l-effiċjenza fl-infiq u gradwalment jadatta l-baġit biex isostni nfiq strutturalment oġhla fid-difiża. Tiżgura li kwalunkwe miżura li tittieħed biex tnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija tkun temporanja, immirata lejn il-ħarsien tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kumpaniji b'użu intensiv tal-enerġija, tippreserva l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li tiżgura li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Twessa' l-bażi tat-taxxa biex tnaqqas ir-riskji relatati mal-konċentrazzjoni għolja fid-dħul mit-taxxa tal-Irlanda. Tkompli bl-isforzi fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kosteffettività fis-sistema tas-saħħa filwaqt li taċċellera t-tranżizzjoni lejn kura tas-saħħa primarja universali u aċċessibbli.
2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi u tal-flessibbiltajiet fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Tiżgura żidiet effettivi u sostnuti fl-investiment pubbliku fir-R&Ż u fl-appoġġ għall-investiment kummerċjali fir-R&Ż u tiffoka fuq implimentazzjoni soda u f'waqtha ta' miżuri, inklużi strumenti ta' finanzjament dirett, biex tittejjeb il-produttività tan-negozji domestiċi. Tespandi s-sorsi ta' finanzjament għal negozji li qed jespandu billi tiffaċilita l-parteciġazzjoni tal-investituri istituzzjonali fil-kapital ta' riskju u fl-ekwità privata. Tippermetti investiment dirett akbar fil-livell tal-konsumatur mill-unitajiet domestiċi fis-swieq kapitali.
4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili. Taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' qafas simplifikat għall-għoti ta' permessi. Tneħħi l-ostakli regolatorji li fadal għall-flessibbiltà mhux fossili. Tħaffef il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-infrastruttura tal-grilja. Issaħħaħ tar-rispons min-naħa tad-domanda. Timplimenta miżuri mmirati li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika f'bini privat u żżomm l-isforzi għall-bini pubbliku. Tinvesti iktar f'soluzzjonijiet ta'

tisħin distrettwali biex tisfrutta l-potenzjal għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin. Tiżgura li l-konnessjoni ta' utenti kbar tal-enerġija mal-grilja tal-elettriku tkun marbuta ma' kapaċità rinnovabbli addizzjonali u flessibbiltà tas-sistema. Issaħħaħ l-investiment fit-trasport sostenibbli filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali, u taċċellera l-introduzzjoni ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi b'emissjonijiet żero.

5. Tinentiva aktar politiki u Prattiki agrikoli sostenibbli li jnaqqsu t-telf u l-emissjonijiet tan-nutrijenti. Tiżgura t-twettiq ta' investimenti fl-infrastruttura tal-ilma biex ittejjeb it-trattament tal-ilma mormi u tnaqqas it-tnixxija, u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex tindirizza l-użu eċċessiv tal-ilma. Iżżid l-investimenti fl-ekonomija ċirkolari biex ittejjeb il-kapaċità tar-riċiklaġġ domestiku, u tkompli tiżviluppa strumenti ekonomiċi biex tipprevjeni l-iskart u iżżid il-kontenut użat mill-ġdid, manifatturat mill-ġdid u riċiklat.
6. Tkompli iżżid il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, filwaqt li tipprevjeni u tnaqqas l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni ta' gruppi vulnerabbli. Tkompli tindirizza r-restrizzjonijiet tal-kapaċità fis-settur tal-kostruzzjoni residenzjali billi ttejjeb l-aċċess għall-infrastruttura, il-ġestjoni tal-art, l-ippjanar, il-kundizzjonijiet ta' finanzjament, il-provvista tax-xogħol u l-metodi ta' kostruzzjoni. Issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali biex iwettqu proġetti ta' akkomodazzjoni. Issaħħaħ is-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġati billi tistabbilixxi sensibilizzazzjoni u titjib tal-ħiliet immirati aħjar, u billi ttejjeb il-forniment tas-servizzi soċjali u tiffaċilita l-aċċess għalihom.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*